MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-1 ta' April, 2004

Avviz Numru. 497/2003

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Maria Carmela Camilleri**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elf, seba' mija tmienja u ghoxrin Lira Maltin u sbatax-il centezmu (LM1728.17,0) rapprezentanti ammont ta' numru telefoniku 21682647 (skond kif jirrizulta mill-anness `statement' Dok A) liema servizz gie nstallat fil-fond `Stella Maris' new street in Cachia Zammit Street, B'Bugia (a/c10158528 AT9993/83) u dana kif jirrizulta**

**mill-kopja tal-applikazzjoni hawn annessa u mmarkata Dok B;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti, u ta' l-ittra ufficjali u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma dehritx, la fit-30 ta' Marzu tas-sena 2004 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuta.**

**Marica Sammut**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------